MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 404/2010

**Dr. A D MD**

**-vs-**

**Dr. Cedric Mifsud u P.L. Doreen Aquilina kuraturi tal-assenti E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Dr. A D fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-esponenti ghandu l-kura u kustodja de facto ta’ E D, iben l-esponenti u E D li kienet il-mara tieghu u li hi assenti minn dawn il-gzejjer (Dok. A);

Illi l-esponenti ottjena divorzju mill-Qorti tas-Sirja (Dok. B);

Illi Dr. Cedric Mifsud u l-P.L. Doreen Aquilina gew nominati kuraturi bis-sahha ta' digriet tal-10 ta' Awissu 2010, tal-imsemmija E D (Dok. C);

Illi l-esponenti talab awtorizazzjoni biex jipprocedi ghal dina l-kawza u l-Qorti tat din l-awtorizazzjoni (Dok. D);

Illi E D ilha nieqsa mill-2002 u l-esponenti ma jafx fejn tinstab u l-esponenti ilu mill-2002 jipprovdilu ghal dak kollu li hu mehtieg, anke bl-ghajnuna ta' ommu (li tghix mieghu u ma' E) lill-minuri E D.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti lill-esponenti l-kura u kustodja shiha tal-minuri E D, bil-poteri kollha li jitwieldu minn tali assenjazzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet tal-10 ta' Awissu 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Cedric Mifsud u l-P.L. Doreen Aquilina bhala kuraturi tal-assenti E D.

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi fejn dawn eccepew:

Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntattjaw lill-intimata, pero' sal-lum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu pozittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghall-fatti ta' kaz.

Ghaldaqstant, f'kaz li jirnexxilhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

Semghet lill-minuri jiddeponi viva voce.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-provi li t-talba tar-rikorrenti giet pruvata u ghalhekk jisthoqqilha li tintlaqa'.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E D esklussivament f'idejn missieru A D.

L-ispejjez jithallsu minn E D b'dana illi provvisorjament l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------